MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Rikors Numru. 101/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**Vs**

**Melanie Borg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, wara li ppremetta illi fil-15 ta' Marzu 2005 din l-Onorabbli Qorti akkordat fir-rikors ta' Martin Degabriele ghall-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 649/2005 li gie dekretat b'mod definittiv kontra l-intimata;

Illi nonostante l-hrug tal-mandat ta' qbid surreferit, b'disprezz ta' l-Ordni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-intimata Melanie Borg ben konsapevoli tal-fatt illi hemm mandat fuq il-vettura tal-ghamla Chevrolet Lacetti in *'mala fede'* ipprocediet bil-bejgh tal-imsemmija vettura lis-socjeta'

kummercjali Mira Motors Sales Limited u li mbaghad ittrasferiet l-imsemmija vettura fuq zijuha Joseph Borg.

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fit-28 ta April 2006 l-imsemmi Martin Degabriele gab ghal konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dana kollu u talab li din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimata procedura ghal disprezz lejn l-awtorita taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

Illi b'digriet tad-29 ta' April 2005 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Ghaldaqsant ghar-ragunijiet premessi l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Issib lll-intimata Melanie Borg hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u
2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimata ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XV11 fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-digriet Taghha moghti fl-20 ta' April 2005 u fid-29 ta' April 2005 (fol 2 u fol 6 tal-atti).

Rat id-digriet ulterjuri a fol 17 tal-istess atti in rigward in-notifika tal-intimata.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 20 ibid u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba tal-atturi ghandha tigi michuda peress li l-esponenti ma' kkommettiet ebda disprezz lejn l-Awtorita' ta' dina l-Onorabli Qorti u dana peress li l-vettura in

kwistjoni Chevrolet Laccetti ma' kienitx propjeta tal-esponenti izda propjeta tas-socjeta' Mira Motors Limited li effettivament hadet lura minghand l-esponenti l-vettura in kwistjoni u dana minghajr ebda involviment tal-esponenti izda in linea mad-dettami tal-ligi kif ser jirrizulta.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kas specjalment dak verbalizzat a fol 29 tal-istess atti.

Semghet lil Martin Degabriele kif ukoll rat il-mandat involut (fol 45 sa fol 51 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-fatti in esami, mill-provi prodotti jidher li b'digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2005, Martin Degabriele fuq deskritt fl-istess mandat kien ottjena l-hrug tal-mandat ta' qbid kawtelatorju esebit mal-atti, kontra Melanie Borg ghall-ammont u kawzali hemm specifikati. Kif jidher mill-verbal tal-Marixxal li esegwixxa l-istess mandat (fol 46 ibid) dan tal-ahhar kien qabad, fost oggetti mobili ohrajn, il-karozza, in kwistjoni tal-marka 'Chevrolet Lacetti' bin-numru tar-registrazzjoni MKL 303. Sussegwentement meta l-istess Marixxal mar sabiex jeleva l-istess oggetti fosthom il-vettura in kwistjoni (ara fol 47 u fol 50) din tal-ahhar, l-ordni sabiex l-istess vettura tigi elevata) hu ma setax jelevha peress kienet giet ritornata lil Mira Motors Sales Ltd minhabba dejn fuq il-istess vettura, li giet trasferita fit-18 ta' Marzu 2005 fuq isem Joseph Zammit nomine n-numru ta' registrazzjoni mibdul, kif hemm indikat a fol 48 tal-istess atti.

Illi meta xehed Martin Degabriele, (fol 52 u fol 53 ibid) u dan spjega l-isfond ta' dan il-kaz u kif il-vettura in kwistjoni kienet giet maqbuda permezz tal-mandat imsemmi izda kienet giet trasferita favur terza persuna wara li l-istess mandat kien gie esegwit.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-istess atti, l-intimata nghatat l-opportunita sabiex tissostanzja dak rilevat minnha fir-risposta taghha a fol 20 ibid. Pero dawn il-provi, bl-ebda mod ma gew prodotti. Hawn biss dak dikjarat fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2009 (fol 29 ibid) fis-sens li '… l-karozza … peress li din (l-intimata) ma baqghetx thallas il-kambjalijiet, inghatat lura (l-istess karozza lis-sid li kien bieghilha' (ara ukoll fol 43 u fol 57 ibid). Dwar dan pero jerga' jigi rilevat illi t-trasferiment fuq isem Joseph Zammit nomine kien sar <u>wara</u> l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid imsemmi cjoe fit-18 ta' Marzu 2005 (ara fol 48 ibid).

Illi jigi rilevat ukoll illi l-istess Martin Degabriele sostna li l-vettura eventwalment giet trasferita fuq isem iz-ziju tal-intimata, Joseph Borg (ara fol 52 ibid) kif hemm indikat ukoll fir-rikors promotur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, fil-qasir jidher li <u>wara</u> l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid kawtelatorju in kwistjoni, l-intimat ittrasferiet il-vettura lil Joseph Zammit nomine (fol 48 ibid) u dan fit-18 ta' Marzu 2003. Dan sar avolja kien gie esegwit il-mandat fuq l-istess karozza waqt li l-elevazzoni taghha ma setghetx issir stante li sar dan it-trasferiment minghajr ma ittiehdu l-proceduri specifikati fil-ligi f'kazijiet bhal dawn. Minhabba hekk giet evitata l-ordni tal-Qorti sabiex l-istess vettura, gja maqbuda tigi elevata u b'hekk gie arrekat danni fil-konfront ta' Martin Degabriele.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, l-intimata ghandha tinstab hatja ta' disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti skond l-artikoli 997 u 1003(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli gja citati tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-intimata hatja ta' disprezz ghall-Awtorita' Taghha u tenut kont li dan il-kaz hu ta' certa gravita kif hawn fuq premess tikkundannaha ghall-piena ta' sebat (7) ijiem detenzjoni kif ukoll ghall-hlas tal-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------